Nru./No. 21,320
Prezz/Price
€9.54

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2024
Friday, 27th September, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 25,747 - 25,773
Government Notices ..... *25,747 - 25,773*

Avviżi tal-Pulizija ..... 25,773 - 25,779
Police Notices ..... *25,773 - 25,779*

Avviżi lill-Baħħara 25,779
Notices to Mariners 25,779

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 25,779 - 25,918
Employment Opportunities ..... *25,779 - 25,918*

Avviżi tal-Gvern ..... 25,918 - 25,926
Notices ..... *25,918 - 25,926*

Offerti ..... 25,926 - 25,930
Tenders ..... *25,926 - 25,930*

Avviżi tal-Qorti ..... 25,930 - 25,954
Court Notices ..... *25,930 - 25,954*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1253

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 110 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali.

Is-27 ta' Settembru, 2024

Nru. 1254

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (Kap. 588)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 9 tal-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (Kap. 588), il-Bord tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi ħatar lil Dott. Erika Grech minflok Dott. Myrna Azzopardi bħala Segretarja tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta.

Din il-ħatra tibqa' tapplika sat-23 ta' Ġunju, 2025.

L-14 ta' Settembru, 2024

Nru. 1255

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott.Elaine Micallef bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Loredana Micallef u dan għall-perjodu bejn l-20 ta' Settembru, 2024 u t-23 ta' Settembru, 2024.

Illum it-Tnejn, 23 ta' Settembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

GOVERNMENT NOTICES

No. 1253

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 110 entitled the International Protection (Amendment) Act, 2024.

27th September, 2024

No. 1254

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Agency for Infrastructure Malta Act (Cap. 588)

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 9 of the Agency for Infrastructure Malta Act (Cap. 588), the Board of the Agency for Infrastructure Malta within the Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works has appointed Dr Erika Grech instead of Dr Myrna Azzopardi as Secretary of the Agency for Infrastructure Malta.

This appointment remains valid until the 23rd of June, 2025.

14th September, 2024

No. 1255

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Elaine Micallef to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Loredana Micallef for the period between the 20th September, 2024 and the 23rd September, 2024.

Today Monday, 23rd September, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1256

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Michaela Fleri-Soler bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Peter Fleri-Soler u dan għall-perjodu bejn id-19 ta' Settembru, 2024 u s-27 ta' Settembru, 2024.

Illum it-Tnejn, 23 ta' Settembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1256

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Michaela Fleri-Soler to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Peter Fleri-Soler for the period between the 19th September, 2024 and the 27th September, 2024.

Today Monday, 23rd September, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1257

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Luca Burlò bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlò u dan għall-perjodu bejn is-16 ta' Settembru, 2024 u t-23 ta' Settembru, 2024.

Illum it-Tnejn, 23 ta' Settembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1257

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Luca Burlò to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Marco Burlò for the period between the 16th September, 2024 and the 23rd September, 2024.

Today Monday, 23rd September, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1258

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Daniel Vella bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. George sive Jurgen Galea u dan għall-perjodu bejn it-22 ta' Settembru, 2024 u t-3 ta' Ottubru, 2024.

No. 1258

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Daniel Vella to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr George sive Jurgen Vella for the period between the 22nd September, 2024 and the 3rd October, 2024.

Illum it-Tnejn, 23 ta' Settembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Today Monday, 23rd September, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1259

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 1259

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	30.9.2024 - 3.10.2024

Is-27 ta' Settembru, 2024

Nru. 1260

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Avviż skont l-Artikoli 58 u 73

SKONT id-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 58(3) u l-artikolu 73(2) tal-Att tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana qiegħed hawnhekk jinnotifika lill-persuna/i mniżżla hawn taħt li ħareġ avviż fir-rigward tagħhom għal ħlas ta' taxxa, penali u interessi skont l-Arikolu 59 tal-Kap. 406.

Numru tal-VAT	*Tax Payer*
1966-3937	Federico Monteiro Pais Formigal
2053-5506	Giasone Limited
2053-5506	Andrea Vetromile
2499-9011	Hui Lu
1428-8708	Ilija Rnjak
1428-8708	Ljiljana Mijatovic
2109-8230	Dockguard Ltd
1910-0922	Mi-se @ Malta Foundation Ltd
1910-0922	Stephen Balzan
1549-9404	Sonya Cauchi
2331-1114	Armin Ernst
2331-1114	Michael Callum
2809-2122	FS & I Projects Ltd
2809-2122	Antonio Grech Liquidator
1261-6629	Managing Consulting Service Industry Ltd
1261-6629	Paul Degiorgio

27th September, 2024

No. 1260

VALUE ADDED TAX ACT (CAP. 406)

Notice in terms of Articles 58 and 73

IN terms of the proviso to Article 58(3) and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs is hereby notifying the person/s listed hereunder that a demand notice for payment of tax, penalties and interest as per Article 59 of Cap. 406 has been issued in their regard.

VAT Number	*Tax Payer*
1966-3937	Federico Monteiro Pais Formigal
2053-5506	Giasone Limited
2053-5506	Andrea Vetromile
2499-9011	Hui Lu
1428-8708	Ilija Rnjak
1428-8708	Ljiljana Mijatovic
2109-8230	Dockguard Ltd
1910-0922	Mi-se @ Malta Foundation Ltd
1910-0922	Stephen Balzan
1549-9404	Sonya Cauchi
2331-1114	Armin Ernst
2331-1114	Michael Callum
2809-2122	FS & I Projects Ltd
2809-2122	Antonio Grech Liquidator
1261-6629	Managing Consulting Service Industry Ltd
1261-6629	Paul Degiorgio

2273-8317	Roni Malta Ltd
2273-8317	Noble Samuel
1543-0535	Tal General Co. Ltd
1543-0535	Carmel Spiteri
2219-1020	Selecti Int. Ltd
2219-1020	Karl Martin Fredrik Oberg
2219-1020	Wisam El Nabolisi
2625-3721	Craft Coin Co. Ltd
2625-3721	Andreas Franz Ansgar Bollen
2625-3721	Florian Ben Johannes Kruger
2522-5201	Rush Gaming Ltd
2522-5201	Sondre Sagstuen
2522-5201	K Wiermyhr
2162-6714	Valentin Kravchenko
2162-6714	Anthonie De Bruin
2717-8706	Mark Anthony Holland
2427-8311	Alessandro Rostirolla
2427-8311	Thierry Klotz
1922-3113	Sarracenia Ltd
1922-3113	Sarracenia Holdings Limited
1969-5226	Archi + Ltd
1969-5226	Adrian Mangion
1969-5226	Warren Falzon
2237-5701	Caledonian Transport Ltd
2237-5701	Sergey Sergeev
2192-2418	Salvatore Distefano
2202-1803	EG Systems Limited
2202-1803	Tobias Jessen
2459-4530	Zephyrus Limited
2459-4530	Luigi Capoferri
2365-2006	Falcon Services Limited
2365-2006	Rikki James Double
2365-2006	Ian Michael Griffiths
2204-7724	AFS Lab Limited
2204-7724	Cyrille Michel Paul Pitavy
2493-4201	Annalisa Lo Monaco
2493-4201	Leonard William Cathan
2827-2616	Armin Ernst
2221-6613	Petrolmed Ltd
2221-6613	Giovanni Meli
2296-3014	Danny Liefman
1427-0614	Freestyle Ltd
1427-0614	Wilhelmina Grech
1427-0614	Marcel Grech
1427-0614	Judith Contaldo
1923-6119	Avantgarde Projects Ltd

Jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien 30 jum mid-data ta' din in-notifika il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana se jipproċedi biex jinforza l-ħlas skont il-liġi.

Kopji tal-imsemmija avviż jistgħu jinġabru mis-Sezzjoni tal-Ġbir, KTD, Blk 5, Il-Furjana.

Is-27 ta' Settembru, 2024

2273-8317	Roni Malta Ltd
2273-8317	Noble Samuel
1543-0535	Tal General Co. Ltd
1543-0535	Carmel Spiteri
2219-1020	Selecti Int. Ltd
2219-1020	Karl Martin Fredrik Oberg
2219-1020	Wisam El Nabolisi
2625-3721	Craft Coin Co. Ltd
2625-3721	Andreas Franz Ansgar Bollen
2625-3721	Florian Ben Johannes Kruger
2522-5201	Rush Gaming Ltd
2522-5201	Sondre Sagstuen
2522-5201	K Wiermyhr
2162-6714	Valentin Kravchenko
2162-6714	Anthonie De Bruin
2717-8706	Mark Anthony Holland
2427-8311	Alessandro Rostirolla
2427-8311	Thierry Klotz
1922-3113	Sarracenia Ltd
1922-3113	Sarracenia Holdings Limited
1969-5226	Archi + Ltd
1969-5226	Adrian Mangion
1969-5226	Warren Falzon
2237-5701	Caledonian Transport Ltd
2237-5701	Sergey Sergeev
2192-2418	Salvatore Distefano
2202-1803	EG Systems Limited
2202-1803	Tobias Jessen
2459-4530	Zephyrus Limited
2459-4530	Luigi Capoferri
2365-2006	Falcon Services Limited
2365-2006	Rikki James Double
2365-2006	Ian Michael Griffiths
2204-7724	AFS Lab Limited
2204-7724	Cyrille Michel Paul Pitavy
2493-4201	Annalisa Lo Monaco
2493-4201	Leonard William Cathan
2827-2616	Armin Ernst
2221-6613	Petrolmed Ltd
2221-6613	Giovanni Meli
2296-3014	Danny Liefman
1427-0614	Freestyle Ltd
1427-0614	Wilhelmina Grech
1427-0614	Marcel Grech
1427-0614	Judith Contaldo
1923-6119	Avantgarde Projects Ltd

Unless payment is effected within 30 days from the date of this notice the Commissioner for Tax and Customs will proceed to enforce payment in terms of law.

Copies of said notices may be collected from the Collection Section, MTCA, Blk 5, Floriana.

27th September, 2024

Nru. 1261

MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI

Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso tal-Artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi għamel dan l-ordni li ġej:

Ir-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Art Agrikola Proprjetà tal-Gvern huma b'dan eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar għar-raġuni li l-miżuri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni msemmija huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex jissalvagwardjaw l-esiġenzi tas-settur agrikolu.

Is-27 ta' Settembru, 2024

No. 1261

MINISTER FOR THE ECONOMY, ENTERPRISE AND STRATEGIC PROJECTS

Application of the Proviso to Article 3(2)(b) of the Small Business Act (Exemption) Order

IN Exercise of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512), the Minister for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has made the following order:

The Government-Owned Agricultural Land (Amendment) Regulations, 2024 are hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small Business Act for the reason that the measures established in the mentioned legislation are urgently required to safeguard the exigencies of the agricultural sector.

27th September, 2024

No. 1262

MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Art Agrikola Proprjetà tal-Gvern
Attività li trid tiġi regolata	L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li tiġi stabbilita l-area minima tal-art agrikola li' għandha tiġi subdiviża, u li tiġi introdotta proċedura ta' notifika għall-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar minn art agrikola proprjetà tal-Gvern
Entità responsabbli	Awtorità tal-Artijiet (hawn aktar 'il quddiem 'l-Awtorità')

2. Taqsira u sfond

L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jemenda r-Regolamenti dwar l-Artijiet Agrikola tal-Gvern (L.S. 573.06), hawn taħt imsejħa r-"regolamenti prinċipali", sabiex tiġi stabbilita l-area minima tal-art agrikola li għandha tiġi subdiviża, u sabiex tiġi introdotta proċedura ta' notifika għall-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar minn art agrikola proprjetà tal-Gvern.

Ma kienx hemm ħtieġa ta' konsultazzjoni pubblika.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti huma magħmula minn erba' (4) regolamenti sabiex jemendaw ir-regolamenti prinċipali kif ġej:

1. Regolament 1: Titolu;
2. Regolament 2: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali sabiex jinkludi tifsira ġdida;

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. Regolament 3: Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali;
4. Regolament 4: Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju

Regolament 2 jintroduċi tifsira ġdida għal "soċjetajiet awtorizzati" sabiex tinkludi referenza għall-Assoċjazzjoni Piroteknika Maltija u li tinkludi wkoll kwalunkwe soċjetà tan-nar oħra u li mhumiex membri tal-Għaqda Piroteknika Maltija u li għandhom il-liċenzji u l-permessi kollha meħtieġa skont l-Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33).

Regolament 3 jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali li jittrattaw id-diviżjoni ta' art agrikola proprjetà tal-Gvern jew ta' bini fuqha. Ġiet miżjuda kondizzjoni addizzjonali sabiex taċċerta li kwalunkwe diviżjoni jew sehem indiviż ta' kwalunkwe art agrikola mikrija in solidum ma tkunx inqas mill-erja superfiċjali ta' 1,124m2, li hija ekwivalenti għal tomna waħda ta' art agrikola. Talbiet għal kull diviżjoni tal-art agrikola li tirriżulta f'erja inqas minn 1,124m2 ma għandhomx jiġu aċċettati mill-Awtorità.

Regolament 4 jintroduċi regolament ġdid (regolament 12A) għar-regolamenti prinċipali fir-rigward ta' art agrikola proprjetà tal-Gvern meħtieġa għall-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar fil-festi lokali. Ir-regolament jeħtieġ li l-kerrej jiġi avżat bil-miktub mill-Awtorità sabiex iħalli l-art agrikola battala minn kwalunkwe prodott agrikolu u jagħti aċċess adegwat, mingħajr ebda dritt ta' kumpens, lis-soċjetajiet awtorizzati għal żmien stipulat għall-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar waqt festi tal-ibliet u l-irħula, soġġett għall-ħruġ ta' permessi mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-Awtorità għandha tinnotifika wkoll il-perjodu li fih is-soċjetajiet awtorizzati jistgħu jużaw l-art qabel id-data għall-ħruq tax-xogħlijiet tan-nar.

Min-naħa l-oħra, is-soċjetajiet awtorizzati għandhom jiksbu l-kunsens tal-Awtorità sabiex jaħarqu kwalunkwe xogħol tan-nar fuq xi art agrikola proprjetà tal-Gvern li kienet diġà qed tintuża għall-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar qabel jew sal-31 ta' Diċembru 2024.

Ir-regolamenti jipprovdu wkoll f'każ ta' talba ta' kunsens għall-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar fuq art agrikola li qatt ma ntużat għal dan il-għan. F'dak il-każ is-soċjetajiet awtorizzati għandhom jagħtu prova għas-sodisfazzjon tal-Awtorità li l-art li fuqha kien jinħaraq ix-xogħol tan-nar matul l-aħħar festa li saret is-sena ta' qabel ma baqgħetx tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33).

Il-kunsens sabiex jinħaraq xogħol tan-nar jinkiseb mill-Awtorità wara li s-soċjetajiet awtorizzati jissottomettu applikazzjoni fuq il-formola provduta mill-Awtorità sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju ta' kull sena sabiex tkopri l-festi li jsiru bejn is-16 ta' Awwissu u l-15 ta' Awwissu tas-sena ta' wara, soġġett li s-soċjetajiet awtorizzati għandhom jiksbu l-liċenzji u l-permessi kollha meħtieġa skond l-Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33).

Qed tiġi inkluża dispożizzjoni sabiex tkopri l-applikazzjonijiet li għandhom jiġu sottomessi sal-aħħar tal-31 ta' Mejju 2025 sabiex ikopru l-festi kollha li jsiru matul l-istess sena 2025 u l-perjodu sas-16 ta' Awwissu 2026.

Barra minn hekk, is-soċjetajiet awtorizzati għandhom jirritornaw lura l-art agrikola lill-kerrej fi żmien sebat (7) ijiem miċ-ċelebrazzjoni tal-festa u fl-istess kundizzjoni li tkun ingħatat lilhom.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet: +356 2122 4016

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġislattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-27 ta' Settembru, 2024

No. 1262

MINISTRY FOR LANDS AND THE IMPLEMENTATION OF THE ELECTORAL PROGRAMME

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Legal Notice	Government-Owned Agricultural Land (Amendment) Regulations, 2024
Activity to be regulated	The scope of these regulations is to establish the minimum agricultural land area to be sub-divided, and to introduce a notification procedure for the discharge of fireworks displays from Government-owned agricultural land
Responsible entity	Lands Authority (hereinafter "the Authority")

2. Summary and background

The objective of these regulations is to amend the Government-Owned Agricultural Land Regulations (S.L. 573.06), hereunder being referred as the "principal regulations", to establish the minimum agricultural land area to be sub-divided, and to introduce a notification procedure for the discharge of fireworks displays from Government-owned agricultural land.

No public consultation was required.

3. Overview of the structure of the instrument

The regulations are made up of four (4) regulations to amend the principal regulations as follows:

1. Regulation 1: Citation;
2. Regulation 2: Amends regulation 2 of the principal regulations to include new definition;
3. Regulation 3: Amends regulation 11 of the principal regulations;
4. Regulation 4: Adds new regulation to the principal regulations.

4. Commentary

Regulation 2 introduces a new definition for "authorised societies" in order to include a reference to the Maltese Pyrotechnic Association or any other firework society and which are not members of the Maltese Pyrotechnic Association who hold all the necessary licences and permits in accordance with the Explosives Ordinance (Cap. 33).

Regulation 3 amends regulation 11 of the principal regulations which deals with division of Government-owned agricultural land or of buildings thereon. An additional condition was added to ascertain that any division or undivided share of any agricultural land leased in solidum is not less than the superficial area of 1,124m2, which is equivalent to one tumolo of agricultural land. Requests for any division of the agricultural land that results in an area less than 1,124m2 will not be accepted by the Authority.

Regulation 4 introduces a new regulation (regulation 12A) to the principal regulations in relation to Government-owned agricultural land required for the discharge of fireworks during local feasts. The regulation requires that the lessee is notified in writing by the Authority to leave the agriculture land vacant from any agricultural produce and give adequate access, without any compensation rights, to the authorised societies for a stipulated period for the discharge of fireworks during

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

town and village feasts subject to the issue of permits by the Commissioner of Police. The Authority shall also notify the period within which the authorised societies may use the land before the date of the discharge of fireworks display.

On the other hand, the authorised societies shall obtain the consent of the Authority to discharge any fireworks on any Government-owned agricultural land which was already being used for the discharge of fireworks before or until the 31st December 2024.

The regulations also provide in case for request of consent to discharge of fireworks on agricultural land which was never used for such purpose. In such case the authorised societies shall prove to the satisfaction of the Lands Authority that the land upon which the fireworks used to be discharged during the last feast held the year before no longer satisfies the requirements stipulated in the Explosives Ordinance (Cap. 33).

Consent to discharge fireworks is obtained from the Lands Authority following the submission by the authorised societies an application on the form provided by the Authority by not later than the 31st May of each year to cover the feasts held between the 16th August and the 15th August of the subsequent year, subject that the authorised societies shall obtain the necessary licences and permits in accordance with the Explosives Ordinance (Cap. 33).

A provision is being included to cover the applications to be submitted by the end of the 31st May 2025 to cover all the feasts held during the same year 2025 and the period up till the 16th August 2026.

In addition, the authorised societies shall return the agricultural land back to the lessee within seven (7) days from the celebration of the feast and in the same condition that it was given to them.

5. Concluding sections

These regulations shall come into force on their date of publication in the Government Gazette.

For further information please contact Lands Authority on +356 2122 4016.

N.B: These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the legal instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

27th September, 2024

Nru. 1263

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 1263

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27.9.2024	€76.366	€0.918

Is-27 ta' Settembru, 2024

27th September, 2024

Nru. 1264

Repubblika ta' Malta
Ministeru għall-Finanzi
Dipartiment tat-Teżor

Ħruġ ta' Stocks tal-Gvern ta' Malta
Ħruġ Magħqud (Combined Issuance)

2.80% Stock tal-Gvern ta' Malta 2030 (III)
Investituri mhux Professjonali (Retail) **- ISIN: MT0000013962**
Investituri Wholesale (B' Irkant) **- ISIN: MT0000013970**
Wara l-ħlas tal-ewwel imgħax l-istock jingħaqad taħt **ISIN: MT0000013988**

u

3.25% Stock tal-Gvern ta' Malta 2034 (IV)
Investituri mhux Professjonali (Retail) **- ISIN: MT0000013996**
Investituri Wholesale (B' Irkant) **- ISIN: MT0000014002**
Wara l-ħlas tal-ewwel imgħax l-istock jingħaqad taħt **ISIN: MT0000014010**

Ħruġ Magħqud (Combined Issuance) ta' Euro 270,000,000 soġġett għal Dritt li jiżdied b'ammont sa massimu ta' Euro 130,000,000 oħra fil-każ li d-domanda tkun aktar mill-ammont offrut

Data taċ-Ċirkolari tal-Offerta: 27 ta' Settembru, 2024

ĊIRKOLARI TAL-OFFERTA

1. Ħruġ ta' Stocks tal-Gvern ta' Malta

L-Accountant General qiegħed joffri s-somma totali ta' Euro 270,000,000 nominali, fi Stock tal-Gvern ta' Malta, f'xi wieħed jew f'kull wieħed minn dawn iż-żewġ Stocks imsemmija hawn taħt:

(1) **2.80% Stock tal-Gvern ta' Malta 2030 (III);** u
(2) **3.25% Stock tal-Gvern ta' Malta 2034 (IV).**

2. Ġenerali

Din iċ-Ċirkolari tal-Offerta qiegħda tinħareġ skont l-artikolu 25(1) tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta), ir-regola 6(3) tar-Regolamenti tal-istocks tal-Gvern ta' Malta u skont l-arranġamenti kif deskritti fil-Prospett Ġenerali tal-istocks tal-Gvern ta' Malta relatati mal-ħruġ ta' Stocks tal-Gvern ta' Malta ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Novembru 2018 flimkien mal-emendi sussegwenti li ġew ippubblikati tramite Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 176 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ħamis id-9 ta' Frar 2023. It-termini tal-Prospett Ġenerali japplikaw għall-istocks tal-Gvern ta' Malta msemmija aktar 'l fuq u għall-metodu li bih qegħdin jinħarġu (ħruġ magħqud) ħlief meta speċifikament jiġi provdut mod ieħor.

Il-Malta Stock Exchange plc, kumpanija pubblika b' responsabbiltà limitata legalment irreġistrata u validament eżistenti taħt il-liġijiet ta' Malta bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C 42525 u bl-uffiċċju tagħha rreġistrat f' Garrison Chapel, Castille Place, il-Belt Valletta, VLT 1063, Malta, ġiet appuntata esklussivament bħala Registration Manager tat-Teżor **għall-parti tal-ħruġ intenzjonat għall-investituri mhux professjonali (retail).**

3. Ħlas ta' Mgħax

L-imgħax fuq kull Stock jitħallas kull sitt xhur b'lura u jinħadem skont sub-artikoli 4.1 (a) sa 4.1 (d) tal-Prospett Ġenerali.

(a) Imgħax bir-rata ta' 1.40% tat-2.80% Stock tal-Gvern ta' Malta 2030 (III) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-27 ta' Frar u fis-27 ta' Awwissu ta' kull sena waqt il-kors tal-istock ħlief għall-ewwel ħlas ta' mgħax li jsir fis-27 ta' Frar 2025 kif ġej:

(i) Fil-każ ta' applikazzjonijet sottomessi mill-membri tal-pubbliku taħt sub-artikolu 5 (a) aktar 'l isfel (ħruġ mhux kompetittiv) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax isir bir-rata ta' 1.034783% u jkopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mill-14 ta' Ottubru 2024 (id-data tal-ħruġ) sas-26 ta' Frar 2025 (iż-żewġ dati inklużi);

(ii) Fil-każ ta' offerti sottomessi minn investituri wholesale taħt sub-artikolu 5 (b) aktar 'l isfel (ħruġ b'irkant) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax isir bir-rata ta' 1.027174% u jkopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mid-data meta jsir il-ħlas tal-irkant, il-15 ta' Ottubru 2024 (id-data tal-ħruġ) sas-26 ta' Frar 2025 (iż-żewġ dati inklużi).

(b) Imgħax bir-rata ta' 1.625% tat-3.25% Stock tal-Gvern ta' Malta 2034 (IV) jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-5 ta' Marzu u fil-5 ta' Settembru ta' kull sena waqt il-kors tal-istock ħlief għall-ewwel ħlas ta' mgħax li jsir fil-5 ta' Marzu 2025 kif ġej:

(i) Fil-każ ta' applikazzjonijet sottomessi mill-membri tal-pubbliku taħt sub-artikolu 5 (a) aktar 'l isfel (ħruġ mhux kompetittiv) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax isir bir-rata ta' 1.274862% u jkopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mill-14 ta' Ottubru 2024 (id-data tal-ħruġ) sal-4 ta' Marzu 2025 (iż-żewġ dati inklużi);

(ii) Fil-każ ta' offerti sottomessi minn investituri wholesale taħt sub-artikolu 5 (b) aktar 'l isfel (irkant) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax isir bir-rata ta' 1.265884% u jkopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mid-data meta jsir il-ħlas tal-irkant, il-15 ta' Ottubru 2024 (id-data tal-ħruġ) sal-4 ta' Marzu 2025 (iż-żewġ dati inklużi).

4. Maturità

L-istocks li ser jinħarġu ser jinfdew kif jidher hawn taħt:

(a) **It-2.80% Stock tal-Gvern ta' Malta 2030 (III) għandu jinfeda b'parità fis-27 ta' Frar 2030;** u
(b) **It-3.25% Stock tal-Gvern ta' Malta 2034 (IV) għandu jinfeda b'parità fil-5 ta' Settembru 2034.**

5. Ħruġ u Metodu ta' kif isiru l-Applikazzjonijiet

Il-ħruġ tal-istocks tal-Gvern ta' Malta għandu jsir permezz ta' ħruġ magħqud (combined issuance) magħmul minn żewġ elementi, (1) porzjon ta' ħruġ mhux kompetittiv tipikament għas-settur ta' investituri mhux professjonali (retail) u fl-istess ħin, (2) porzjon ta' ħruġ b'irkant kompetittiv għall-investituri wholesale.

a) Investituri mhux Professjonali (Retail Investors):

Applikazzjonijet fil-parti mhux kompetittiva tal-ħruġ jistgħu jsiru minn investituri eliġibbli mhux professjonali (retail) f'isimhom għall-benefiċċju tagħhom jew flimkien ma' individwu eliġibbli wieħed jew aktar. L-applikazzjonijiet għandhom isiru skont is-sub-artikolu 6.2 sa sub-artikolu 6.7 tal-Prospett Ġenerali.

i) Applikazzjonijiet magħmula taħt il-ħruġ mhux kompetittiv għandhom isiru għal minimu ta' €100 sa ammont massimu ta' €499,900 nominali kull persuna f'multipli ta' €100, f'xi wieħed jew aktar miż-żewġ Stocks, bil-prezz fiss li jiġi stabbilit għal kull Stock skont Artiklu 7 tal-Prospett Ġenerali.

ii) L-applikazzjonijiet kollha għandhom isiru fuq il-formola preskritta. Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħand u jiġu depożitati għand il-membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati, sa mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq kif indikat fl-Artikolu 6 (a) aktar 'l isfel. L-Applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq is-sit elettroniku tat-Teżor (www.treasury.gov.mt).

iii) Applikazzjonijiet li jsiru f'isem 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' għan-nom ta' klijenti jiġu aċċettati biss jekk dawn ikollhom magħhom lista' bin-numru tal-karta tal-identità, jew fil-każ ta' korp ġuridiku, in-numru ta' identita' relevanti tal-klijenti rispettivi tagħhom. L-ammont li japplikaw għalih persuna waħda u/jew żewġ persuni jew aktar flimkien li jissotomettu applikazzjoni taħt 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' ma jistgħux jeċċedu €499,900 nominali kull persuna f'xi wieħed jew aktar miż-żewġ Stocks.

b) Investituri Wholesale (Irkant):

L-applikazzjonijiet fil-parti kompetitiva tal-ħruġ għandhom isiru permezz ta' offerti b'irkant b'mod kompetittiv skont Artikolu 8 tal-Prospett Ġenerali.

i) Kull applikazzjoni f'xi wieħed jew aktar miż-żewġ Stocks għandhom ikunu magħmulin f'offerti b'irkant għal minimu ta' €500,000 nominali u f'multipli ta' €500,000. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt is-sub-artiklu 5 (a).

ii) Offerti li jridu jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintbagħtu permezz ta' e-mail fl-indirizzi indikati fuq il-formola tal-applikazzjoni jew permezz ta' fax fuq 2596 7210 jew jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tat-Teżor, il-Floriana u għandhom jaslu sa mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq kif indikat fl-Artikolu 6 (b) aktar 'l isfel.

iii) Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħand il-membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati, jew jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq is-sit elettroniku tat-Teżor (www.treasury.gov.mt).

c) L-Accountant General jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull applikazzjoni jew parti minnha sottomessa kemm (i) fil-parti mhux kompettitiva tal-ħruġ (Retail) jew (ii) fil-parti kompettitiva tal-ħruġ (irkant).

d) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

6. Ftuħ u Ħin tal-Għeluq tal-Applikazzjonijiet għall-Investituri Mhux Professjonali (retail) u tal-Offerti b'Irkant

L-applikazzjonijiet jiftħu u jagħlqu fil-ħinijiet u d-dati kif indikati f'paragrafi 6(a) u 6(b) aktar 'l isfel, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni tal-Accountant General:

a) Investituri mhux professjonali (Retail):

L-applikazzjonijiet mill-investituri mhux professjonali (retail) jiftħu **t-Tnejn , is-7 ta' Ottubru 2024 fit-8.30 a.m.** u jagħlqu **l-Erbgħa, d-9 ta' Ottubru 2024 fis-2.30 p.m.**

b) Wholesale (Irkant):

Wara l-għeluq tal-applikazzjonijiet għall-investituri mhux professjonali (retail) ser ikun hemm irkant għall-investituri wholesale. L-applikazzjonijiet magħmulin f'offerti kompetittivi, jiftħu nhar **il-Ġimgħa, l-11 ta' Ottubru 2024 fit-8.30 a.m.** u jagħlqu **f'nofsinhar (CET) tal-istess ġurnata.**

7. Pubblikazzjoni tal-Prezz Fiss Marbut mal-Parti tal-Ħruġ Mhux Kompettitiv (Retail)

L-Accountant General iħabbar il-prezz fiss għal kull Stock offrut taħt il-parti mhux kompettitiva ta' dan il-ħruġ intenzjonat għall-investituri mhux professjonali (retail) nhar il-Ħamis, it-3 ta' Ottubru 2024 wara l-għeluq tas-suq sekondarju tal-Borża ta' Malta. Il-prezzijiet fissi jiġu ppubblikati mid-Dipartiment tal-Informazzjoni tal-Gvern ta' Malta permezz ta' Stqarrija għall-Istampa u jiġu ppubblikati wkoll fuq is-sit elettroniku tat-Teżor.

8. Allokazzjoni

L-Allokazzjoni ssir skont is-sub-artikoli 10.1 (a) sa 10.1 (e) tal-Prospett Ġenerali tal-istock tal-Gvern ta' Malta. L-applikazzjonijiet sottomessi mill-investituri mhux professjonali (retail) li applikaw bil-prezz fiss imħabbar minn qabel taħt il-parti mhux kompettiva tal-ħruġ ser jiġu allokati l-ewwel.

9. Għażla ta' Over-allotment

Is-somma ta' flus li għandha tinġabar f'xi wieħed jew aktar miż-żewġ Stocks tkun ta' Euro 270,000,000. L-Accountant General jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'ammont addizzjonali sa massimu ta' Euro 130,000,000 oħra f'każ li d-domanda tkun aktar mill-ammont offrut.

10. Fungibility

L-Accountant General iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali minn kull Stock imsemmi fi tranches oħra. Fil-każ ta' aktar ħruġ minn dawn l-istocks, huma jkollhom l-istess drittijiet bħall-istocks eżistenti, u jkunu soġġetti għall-istess termini u kondizzjonijiet li japplikaw għal dawn l-istocks. Fil-każ li dawn l-istocks jerġgħu jinħarġu fil-futur dawn għandhom jiġu integrati mal-istock eżistenti u jitqiesu bħala Stock wieħed.

11. Negozju fil-Borża ta' Malta

a) Skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345 tal-Liġijiet ta' Malta), saret applikazzjoni għand l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta biex kull Stock jiġi elenkat fil-Lista Uffiċċjali u jkun jista' jiġi negozjat fis-suq regolat tal-Borża ta' Malta.

b) Fis-27 ta' Frar 2025 wara l-pagament tal-ewwel imgħax kif muri f'sub-artikoli 3(a) (i) u 3(a) (ii) kull ammont allokat fit-2.80% Stock tal-Gvern ta' Malta 2030 (III) jiġi integrat u wara jitqies bħala Stock wieħed taħt ISIN MT0000013988.

c) Fil-5 ta' Marzu 2025 wara l-pagament tal-ewwel imgħax kif muri f'sub-artikoli 3(b) (i) u 3(b) (ii) kull ammont allokat fit-3.25% Stock tal-Gvern ta' Malta 2034 (IV) jiġi integrat u wara jitqies bħala Stock wieħed taħt ISIN MT0000014010.

12. Ħlas għall-Bejgħ tal-istocks

a) Investituri mhux Professjonali (Retail):

L-ammont dovut mingħand l-investituri mhux professjonali (retail) għall-applikazzjonijiet magħmula taħt il-parti tal-ħruġ mhux kompettitiv għandu jitħallas mal-applikazzjoni skont is-sub-artikolu 13.1 (a) tal-Prospett Ġenerali.

b) Investituri Wholesale (Irkant):

L-offerenti li l-offerti tagħhom jiġu milqugħa fl-irkant għandhom iħallsu l-ammont dovut skont is-sub-artikoli 13.1 (b) sa 13.1 (e) tal-Prospett Ġenerali. Għaldaqstant, il-ħlas tal-offerti milqugħa għandu jsir sa mhux aktar tard mill-**10.00 ta' filgħodu (CET) tat-Tlieta, l-15 ta' Ottubru 2024 skont il-konvenzjoni tas-suq T+2.**

13. Liġi Applikabbli u Ġurisdizzjoni

Il-leġislazzjoni rilevanti li taħtha qegħdin jinħarġu l-istocks tal-Gvern ta' Malta hi (a) l-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta), (b) l-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Miżuri tal-Estimi (Kap.642) tal-Liġijiet ta' Malta (c) ir-Regolamenti dwar l-istocks tal-Gvern ta' Malta u (d) l-Prospett Ġenerali tal-istock tal-Gvern ta' Malta.

Kull proċeduri legali li jkollhom x'jaqsmu ma' dawn il-prospetti li jirregolaw il-ħruġ tal-istocks tal-Gvern ta' Malta għandhom ikunu regolati u nterpretati skont il-liġijiet ta' Malta. Il-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni esklussiva biex jisimgħu u jiddeċiedu f'kull tilwima li tista' tinqala' taħt dawn il-prospetti.

14. Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi (KAK)

Dawn l-istocks huma soġġetti għall-Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi li sommarju tagħhom jinsab fil-Prospett Ġenerali tal-istock tal-Gvern ta' Malta. Il-KAK sħaħ u fid-dettal kollu tagħhom jinsabu fuq is-sit elettroniku tat-Teżor fis-sezzjoni riservata għad-Direttorat tal-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku. Skont id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011, u skont paragrafu 3 tal-Artikolu 12 tat-Trattat li jistabbillixxi l-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea (ESM), il-mudell KAK sar mandatorju għat-titoli ġodda tal-gvern li jimmaturaw 'l fuq minn sena maħruġa mill-pajjiżi taż-żona euro, mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem.

Nota: Il-valur tal-investiment jista' jitla' jew jinżel matul iż-żmien li l-istock ikun fis-suq.

It-Teżor
Direttorat tal-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku
Il-Furjana - Malta

Is-27 ta' Settembru, 2024

No. 1264

Republic of Malta
Ministry for Finance
Treasury Department

Issue of Malta Government Stocks
Combined Issuance

2.80% Malta Government Stock 2030 (III)
Retail Investors **- ISIN: MT0000013962**
Wholesale Investors (Auction) **- ISIN: MT0000013970**
ISIN following the merge of the Stock after the first interest payment**: MT0000013988**

and

3.25% Malta Government Stock 2034 (IV)
Retail Investors **- ISIN: MT0000013996**
Wholesale Investors (Auction) **- ISIN: MT0000014002**
ISIN following the merge of the Stock after the first interest payment**: MT0000014010**

Combined Issuance of Euro 270,000,000 subject to an over-allotment option up to a maximum of Euro 130,000,000 in the event of oversubscription

Date of issue of the Offering Circular: 27th September, 2024

OFFERING CIRCULAR

1. Issuance of Malta Government Stocks

The Accountant General is offering an aggregate nominal amount of Euro 270,000,000 of Malta Government Stocks which are being offered and made available in any one or any combination of the following two stocks:

(1) **2.80% Malta Government Stock 2030 (III);** and
(2) **3.25% Malta Government Stock 2034 (IV).**

2. General

This Offering Circular is issued in terms of article 25(1) of the Government Borrowing and Management of Public Debt Act (Cap. 575 of the Laws of Malta), Regulation 6(3) of the Malta Government Stocks Regulations and in terms of the arrangements described in the General Prospectus of the Malta Government Stocks related to the issuance of Malta Government Stocks published on the Government Gazette of the 30th November 2018 together with its subsequent amendments published by virtue of Government Notice No. 176 in the Government Gazette of Thursday the 9th of February 2023. The terms of the General Prospectus apply to the above Malta Government Stocks and to the combined issuance described in this Offering Circular except where expressly varied.

The Malta Stock Exchange plc, a public limited liability company duly registered and validly existing under the laws of Malta with company registration number C 42525 and with its registered office at Garrison Chapel, Castille Place, Valletta, VLT 1063, Malta has been appointed as exclusive Registration Manager to The Treasury Department in relation to the **non-competitive part of this issuance intended for retail investors.**

3. Payment of Interest

Interest on each Stock is payable half yearly in arrears and is calculated in accordance with sub-articles 4.1(a) to 4.1(d) of the General Prospectus.

(a) Interest at the rate of 1.40% in respect of the 2.80% Malta Government Stock 2030 (III) shall be payable semi-annually in arrears on the 27th of February and the 27th of August in every year for the duration of the Stock save for the first interest payment which will be on the 27th of February 2025 as follows:

(i) In the case of accepted applications submitted by members of the public under sub-article 5 (a) below (non-competitive issue), the first interest payment will be made at the rate of 1.034783% and will include accrued interest for the period from the 14th of October 2024 (the issue date) up to and including the 26th of February 2025 (both dates inclusive);

(ii) In the case of accepted bids submitted by wholesale investors under sub-article 5 (b) (auction system), the first interest payment will be made at the rate of 1.027174% and will include accrued interest for the period from the settlement date of the auction, the 15th of October 2024 (the issue date) up to and including the 26th of February 2025 (both dates inclusive).

(b) Interest at the rate of 1.625% in respect of the 3.25% Malta Government Stock 2034 (IV) shall be payable semi-annually in arrears on the 5th of March and the 5th of September in every year for the duration of the Stock save for the first interest payment which will be paid on the 5th of March 2025 as follows:

(i) In the case of accepted applications submitted by members of the public under sub-article 5 (a) below (non-competitive), the first interest payment will be made at the rate of 1.274862% and will include accrued interest for the period from the 14th of October 2024 (the issue date) up to and including the 4th of March 2025 (both dates inclusive);

(ii) In the case of accepted bids submitted by wholesale investors under sub-article 5 (b) below (auction system), the first interest payment will be made at the rate of 1.265884% and will include accrued interest for the period from the settlement date of the auction, the 15th of October 2024 (the issue date) up to and including the 4th of March 2025 (both dates inclusive).

4. Maturity

The Stocks on issue shall be redeemed as follows:

(a) The **2.80% Malta Government Stock 2030 (III)** will be repaid at par on the **27th of February 2030;** and

(b) The **3.25% Malta Government Stock 2034 (IV)** will be repaid at par on the **5th of September 2034.**

5. Issuance and Method of Application

The issuance of the Malta Government Stocks shall be done by way of combined issuance, composed of two elements, (1) a portion by non-competitive issuance typically for retail investors and simultaneously, (2) a portion by competitive auction for wholesale investors.

a) Retail Investors:

Applications for the non-competitive part of the issuance can be made by eligible retail investors in their own name for their own benefit or jointly with one or more eligible persons. The applications shall be made in accordance with sub-article 6.2 to sub-article 6.7 of the General Prospectus.

i) Application forms submitted under the non-competitive element of the issuance must be made for a minimum of €100 up to a maximum amount of €499,900 nominal per person in multiples of €100 in any or each of the two Stocks at the fixed price to be established for each Stock in accordance with Article 7 of the General Prospectus.

ii) All applications are to be made on the prescribed form. Application forms may be obtained from and lodged with any of the members of the Malta Stock Exchange and other Authorised Investment Service Providers by not later than the closing date and time indicated at Article 6 (a) below. The Applications can also be downloaded from Treasury's website at (www.treasury.gov.mt).

iii) Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' for and on behalf of clients will only be accepted if accompanied by a list showing the identity card number or in case of a body corporate, the relevant identification number of their respective clients. The amount applied for by any single person or jointly with one or more eligible person as joint applicants, listed under the 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' must not exceed €499,900 in nominal value per person in any or each of the two Stocks.

b) Wholesale investors (Auction):

The applications for the competitive part of the issuance shall be made on a competitive basis by auction in accordance with Article 8 of the General Prospectus.

(i) Each application in any or each of the two Stocks must be in the form of a competitive bid for a minimum nominal value of €500,000 and in multiples of €500,000 each thereafter. Applicants under this category are precluded from applying also under sub-article 5 (a).

(ii) Bids on the prescribed application forms are to be transmitted by e-mail at the e-mail addresses indicated on the application form or by fax on 2596 7210 or lodged by hand at the Treasury Tender Box at the Treasury's premises in Floriana and are to be received by not later than the closing date and time indicated at Article 6 (b) below.

(iii) Application forms may be obtained from all members of the Malta Stock Exchange, other authorised Investment Service Providers or downloaded from Treasury's website at (www.treasury.gov.mt).

c) The Accountant General reserves the right to reject any application or part thereof submitted either in the (i) non-competitive part (Retail) or (ii) competitive part of the issuance (Auction).

d) All applications will be irrevocable after the closing time.

6. Opening and Latest Time for Submission of Retail Applications and Auction Bids

The applications open and close on the time and dates as indicated in paragraphs 6(a) and 6(b) below, or earlier at the discretion of the Accountant General:

a) Retail Investors

Applications for retail investors open at **8.30 a.m. on Monday, the 7th of October 2024** and close at **2.30 p.m. on Wednesday, the 9th of October 2024.**

b) Wholesale Investors (Auction)

After the closure of the application window reserved for retail investors, there shall be a bidding window for wholesale investors. Applications (bids) for participation in the competitive auction open at 8.30 a.m. on **Friday, the 11th of October 2024** and close on **the same day at noon (CET).**

7. Publication of the Fixed Price linked to the Non-Competitive part of the Issue (Retail)

The Accountant General will announce the fixed price of each Stock offered under the Non-competitive element of the combined issuance (Retail) on **Thursday, the 3rd of October 2024**, after the close of business of the secondary market of the Malta Stock Exchange. The fixed price will be published by a Press Release to be issued by the Department of Information of the Government of Malta as well as on Treasury's website.

8. Allotment

Allotment will be made in accordance with sub-articles 10.1(a) to 10.1(e) of the Malta Government Stock General Prospectus. Retail investors who applied at the pre-announced fixed price under the non-competitive element of the issuance will be allocated first.

9. Over-allotment Option

The sum of money to be raised in any one or any combination of the two Stocks shall in the aggregate be Euro 270,000,000. The Accountant General reserves the right to increase the sum of money to be raised by an additional amount of up to a maximum of Euro 130,000,000 in the event of oversubscription.

10. Fungibility

